Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima LL.D.

Appell Nru: 115/2014

Il-Pulizija

Spettur Sandra Zammit

Vs

James Farrugia

Illum, 25 ta' Frar, 2016,

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellat, James Farrugia, detentur tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 444886M, quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Nhar it-22 ta' Settembru 2013, għall-ħabta ta' bejn it-8pm u 8.30pm ġewwa Triq l-Assedju l-Kbir 1565, Mellieħa:-

1. Volontarjament ikkaġuna ġrieħi ta' natura gravi fuq Victoria Camilleri, skont kif iċċertifika Dr John Schembri Reg. No. 1327 ġewwa l-Mosta Health Centre;
2. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi ħebb għal Victoria Camilleri sabiex jinġurjaha, idejjaqha jew jagħmillha ħsara;
3. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi ikkaġuna lil Victoria Camilleri biża li ser tintuża vjolenza kontriha;

4. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi kiser il-bon ordni bi ġlied u storbju.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, mghotija fis-6 ta' Marzu, 2014, fejn il-Qorti wara li rat it-tieni proviso tal-Artikolu 543(e), it-tieni proviso tal-Artikolu 544 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta; Laqghet it-talba tal-parti leza ghat-twaqqif ta' dawn il-proceduri, u ghalhekk iddikjarat il-procediment ezawrit.

Rat ir-rikors tal-appell tal-Avukat Generali, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fl-24 ta' Marzu, 2014, fejn talab lil din il-Qorti **tirriforma** s-sentenza appellata billi:

1. Tikkonfermaha f'dik il-parti fejn iddikjarat il-proċediment eżawrit fil-konfront tat-tieni (2) imputazzjoni;
2. Thassarha u tirrevokaha f'dik il-parti fejn iddikjarat il-proċediment eżawrit fil-konfront tal-ewwel (1), it-tielet (3) u r-raba' (4) imputazzjonijiet; u minflok, wara li tqis bir-reqqa l-provi kollha f'dan il-każ, issib lill-appellat ħati tal-ewwel (1), it-tielet (3) u r-raba' (4) imputazzjonijiet hekk kif dedotti kontra tiegħu, u tinfliġġi l-piena adegwata skont il-Liġi.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.
Rat il-fedina penali aggornata tal-appellata esebita mill- prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant huma s-segwenti w cioe':-

Illi fl-14 ta' Marzu 2014 l-esponent Avukat Ġenerali rċieva l-atti tal-kawża u ħassu aggravat bihom in kwantu l-Ewwel Onorabbli Qorti kienet manifestament żbaljata u għamlet enunċazzjoni kompletament żbaljata tal-liġi meta iddikjarat il-proċediment eżawrit fil-konfront tal-akkużi dedotti lill-appellat, qua imputat. Għaldaqstant l-esponent qiegħed jinterponi dan l-umli appell ai termini ta' l-artikolu 413(1)(ċ) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi a skans ta' kull ekwivoku, l-esponent appellant qieghed jaghmilha ċara *a priori* li **<u>dan l-umli appell jirrigwarda unikament u esklussivament l-ewwel (1), it-tielet (3) u r-raba' (4) imputazzjonijiet</u>**, tant li kif ser jirrizulta mit-talba ahharija, ser tintalab biss ir-revoka ta' dik il-parti tas-sentenza fejn l-Ewwel Onorabbli Qorti iddikjarat il-proċediment eżawrit fil-konfront ta' dawn l-imputazzjonijiet biss.

Illi l-aggravju tal-esponent appellant huwa ċar u manifest u jikkonsisti f'li l-Ewwel Onorabbli Qorti ma setgħet qatt, legalment u raġjonevolment, tiddikjara il-proċediment eżawrit fil-konfront tal-ewwel (1), it-tielet (3) u r-raba' (4) imputazzjonijiet minħabba rinunzja tal-parti leża in vista ta' dak li tipprovdi l-Liġi.

Illi a skans ta' dilungar inutli, l-esponent appellant jaghmel referenza ghall-Artikolu 4(2) tal-Kodiċi Kriminali, Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, li jgħid hekk –

*L-azzjoni kriminali titmexxa ex officio fil-każijiet kollha meta biex iġġibha 'l quddiem ma tkunx meħtieġa t-talba tal-parti privata jew meta l-liġi ma tħallix espressament it-tmexxija tal-azzjoni f'idejn il-parti privata.*

Illi, għaldaqstant, il-Liġi hija ċara – jekk ma tkunx meħtieġa t-talba tal-parti privata sabiex tittieħed azzjoni kriminali jew jekk il-Liġi espressament ma tħallix it-tmexxija tal-azzjoni f'idejn il-parti privata, allura l-proċeduri għandhom jitmexxew *ex officio*.

Illi, it-tlett imputazzjonijiet mertu ta' dan l-Appell jinsabu fl-Artikoli 214, 215, 216, 222(1)(a), 251B u 338(dd) tal- Kodiċi Kriminali, Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta u huma fir-rigward tar-reati ta' ġrieħi gravi u ta' meta persuna/i jibżgħu li ser tintuża vjolenza kontrihom, kif ukoll fir-rigward tal-kontravenzjoni tal-ksur tal-bon ordni.

Illi, wara eżami akkurat ta' dawn l-artikoli kollha tal-Liġi, jirriżulta biċ-ċar li ma hemmx bżonn tal-kwerela tal-parti leża sabiex jittieħdu passi kontra l-allegat trasgressur, u għaldaqstant m'hemmx l-iċken dubju li kienet il-Pulizija Eżekuttiva li kellha tmexxi dawn l-azzjonijiet *ex officio;*

Illi, għalhekk, in vista tad-diċitura espressa tal-Liġi aktar il-fuq ċitata u a bażi tar-raġunament appena magħmul, meta fis-seduta tas-6 ta' Marzu 2014 quddiem l-Ewwel Onorabbli Qorti, Victoria Camilleri irrinunzjat għall-azzjoni kriminali fil-

konfront tal-appellat, l-istess Qorti **ma setgħet qatt, legalment u ragjonevolment,** tiddikjara l-proċediment eżawrit fir-rigward tal-ewwel, it-tielet u r-raba' imputazzjonijiet, iżda kellha tgħaddi sabiex tagħti sentenża skont il-Liġi u *se mai* tieħu in konsiderazzjoni dik ir-rinunzja tal-parti leża meta tiġi sabiex tiddetermina l-piena dwar l-imsemmijin imputazzjonijiet.

Ikkunsidrat,

Illi dan huwa appell imressaq mill-Avukat Generali aggravat mid-decizjoni mehuda mill-Ewwel Qorti illi tiddikjara il-procediment ezawriet ghal akkuzi li ma kenux jistriehu fuq il-kwerela tal-parti leza u ghalhekk mhux rinunzjabbli mill-istess. Jikkontendi illi l-appellat kien gie akkuzat bir-reat tal-offiza gravi fuq il-persuna, dak tal-fatsidju kif ukoll il-kontravvenzjoni dwar il-ksur tal-bon ordni u l-paci pubblika, liema akkuzi ma kenux jiddependu ghal prosekuzzjoni taghhom mill-kwerela tal-parti offiza. Ghaldaqstant jishaq illi l-Ewwel Qorti malament ghaddiet biex iddikjarat il-procediment ezawriet u kellha tghaddi ghal kundanna ghall-ewwel, it-tielet u ir-raba akkuzi kif riflessi fin-nota ta'r inviju ghal gudizzju ta'l-Avukat Generali tas-17 ta' Dicembru 2013.

Illi din il-Qorti minnufih tistqarr illi l-Avukat Generali ghandu ragun fl-ilment minnu imressaq. Illi l-artikolu 543(e) tal-Kodici Kriminali iccitat mill-Ewwel Qorti u li fuqu sejset id-decizjoni taghha, jipprospetta l-kazijiet kollha ta' vjolenza domestika li huma prosegwibbli mill-pulizija *ex officio,* ghalkemm ir-reat ikun jinneccessita l-kwerela tal-parti offiza fic-cirkostanzi ordinarji. Tant hu hekk illi fl-istess artikolu tal-ligi hemm dispost illi:

**"Iżda wkoll għandu jkun legali li, wara li jkunu nbdew proċeduri fil-qorti bis-saħħa ta' dan l-artikolu għal reat imsemmi f'dan il-paragrafu, vittma allegata ta' reat li jinvolvi vjolenza domestika tista' titlob lill-qorti li twaqqaf il-proċeduri kontra l -awtur allegat, u meta ssir talba bħal dik il-qorti tista' tiddeċiedi u tordna li l-proċeduri kontra l-awtur allegat jitkomplew, filwaqt li tingħata konsiderazzjoni partikolari għall-aħjar interessi tal-minuri involuti, u għandha tordna li dik it-talba u deċiżjoni jiġu reġistrati fl-inkartamenti tal-każ."**

Dan necessarjament qieghed jirreferi ghar-reat prosegwibbli bil-kwerela u mhux dawk ir-reati l-ohra li jigu immexxija 'il quddiem mill-Prosekuzzjoni minghajr il-htiega ta' tali kwerela.

Illi dan il-kaz kien certament jaqa' fit-tifsira moghtija mill-ligi ta' "vjolenza domestika" u dan kif imfisser fl-artikolu 2(viii) tal-Att Dwar il-Vjolenza Domestika billi l-ko-litigandi ghandhom tifel li twieled minn relazzjoni li kien hemm bejniethom. Illi l-Ewwel Qorti ghalhekk kellha timxi b'iktar cirkospezzjoni u ghaqal anke fir-rigward ta'l-uniku akkuza li setghet tigi rinunzjata mill-parti leza u cioe' it-tieni akkuza.

Stabbilit ghalhekk illi l-Ewwel Qorti erronjament iddikjarat il-procediment ezawriet ghall-akkuzi migjuba kontra l-appellat, din il-Qorti sejra tghaddi sabiex tqies jekk mill-atti probatorji tistax tirrizulat ir-reita' fl-appellat ghall-ewwel, it-tielet u ir-raba akkuzi dedotti kontrieh.

Illi l-appellat b'mod ewlieni jinsab mixli bir-reat tal-offiza gravi fuq il-persuna u dan meta huwa ikkaguna cikatrici twila madwar tlett centimetri fuq l-ghajn tax-xellug ta' Victoria Camilleri kagjonata minn daqqa ta' ponn. Dwar dan il-fatt ma jidhirx illi hemm kontestazzjoni ghalkemm l-appellat jallega illi huwa gie ipprovokat minn Camilleri stess meta din bdiet tghajjru u tghajjat mieghu fit-triq u ixxejjer idejha f'wiccu.

Illi l-artikolu 227(c) tal-Kodici Kriminali jitkellem dwar l-iskuzanti tal-provokazzjoni. Fost ir-rekwiziti sabiex tapplika dina l-iskuzanti hemm illi l-provokazzjoni trid tkun tali "**illi f'nies ta' temperament ordinarju komunement iggib l-effett li ma jkunux kapaci li jqiesu il-konsegwenzi tad-delitt**." Skond il-Professur Mamo il-provokazzjoni tkun sufficjenti jekk tkun tali li bniedem ta' temperament ordinarju jitlef il-kontroll tieghu. Il-kriterju ghalhekk huwa wiehed oggettiv; il-bniedem ta' temperament ordinarju. Illi f'sentenza moghtija mill-Qorti ta'l-Appelli Kriminali deciza fl-10 ta' Settembru 2004 fl-ismijiet Il-Pulizija vs Paul Abela gie deciz:

**"Meta tigi biex tqies l-iskuza tal-provokazzjoni ghandha tithares ir-regola migjuba fl-artikolu 235, li jfisser li l-provokazzjoni ma tiswiex jekk ma tkunx saret fil-waqt ta'l-azzjoni li taghha tingieb bhala skuza. Pero' dejjem irid ikun hemm provokazzjoni ingusta ... il-gurista Francesco Antolisei in konnessjoni ma'l-attenwanti generali tal-provokazzjoni ighid hekk: "*la situazione psicologica di cui trattasi ... deve essere determinata da un fatto ingiusto altrui. Non occorre che tale fatto costituisca reato e neppure che sia giuridicamente illecito; basta che sia ingiusto dal punto di vista morale. Percio' l-attenuante dovra' ammettersi anche di fronte ad un comportamento legittimo che assuma carattere provocatorio per le modalita' esose o anche semplicemente sconvenienti con cui si effetua, o per ragioni che lo hanno determinato (rancore, odio, vendetta, iattanza, dispetto ecc.) Quanto alla reazione non si richiede che sia proporzionata al fatto ingiusto*" (Antolisei F. Manuale di Diritto Penale – Parte Generale Giuffre Milano 1989 pg.394 -397)."**

Illi ghalhekk hemm zewg elementi li isawru dana l-iskuzanti u cioe' fl-ewwel lok, il-provokazzjoni trid tkun wahda ingusta u trid tkun oggettivament riskontrabbli u fit-tieni lok trid tkun saret filwaqt ta'l-azzjoni li taghha tingieb bhala skuza. Illi kemm mill-istqarrija ta'l-appellat kif ukoll mix-xhieda ta' Priscilla Gauci johrog car illi kienet Victoria Camilleri li hebbet ghall-appellat bdiet tghajjru u tghajjat mieghu u anke ixxejjirlu idejha f'wiccu. Dina r-reazzjoni aggressiva da parti ta' Camilleri sehhet meta l-appellat wassal lit-tifel taghhom iktar tard mil-hin miftiehem tant illi jidher illi Camilleri saret anzjuza u hekk kif rat lill-appellat irreaggixxiet b'mod aggressiv tant illi l-minuri li sadanittant kien ghadu bil-qieghda fil-karozza kien beda jirresisti milli ommu tohorgu mill-vettura u ghalhekk intrabat ma' ghonq missieru. L-appellat ghalhekk beda jipprova jikkalma lil Camilleri u hareg mill-vettura izda jidher illi hija kompliet bl-agir provokatorju taghha tant illi l-appellat spicca qabad u xejrilha daqqa ta' ponn biex b' hekk hija indarrbet fuq ghajnejha. Illi ghalhekk din il-Qorti hija tal-fehma illi f'din is-sitwazzjoni l-iskuzanti imsemmija fl-artikolu 227(c) tirrizulta ippruvata.

Fir-rigward tar-reat tal-fastidju indikat mill-Avukat Generali fin-nota ta' rinviju ghal gudizzju, jidher illi ghalkemm hemm disgwid bejn il-partijiet jew ghal tal-inqas kien

jezisti dan id-disgwid fiz-zmien tal-incident, ma jidhirx illi gew ippruvati l-estremi ta' dan ir-reat konsistenti f'xi *course of conduct* minn-naha ta'l-appellat fil-konfront tal-parti leza, billi il-provi iduru biss madwar l-incident mertu tal-kaz u mhux ukoll incidenti ohra ta'l-istess xorta, u ghalhekk billi din l-akkuza ma tirrizulatx ippruvat il-Qorti ser tillibera lill-appellat minnha.

Jifdal ghalhekk biex titqies l-ahhar akkuza kontravvenzjonali dwar il-ksur tal-bon ordni u l-paci pubblika billi l-akkuza l-ohra kontravvenzjonali kif prevista fl-artikolu 339(1)(d) tal-Kap.9. giet rinunzjata mill-parti leza u mid-decizjoni ta'l-Ewwel Qorti ma giex interpost appell mill-Avukat Generali.

Illi dwar il-kontravvenzjoni ravvizata fl-artikolu 338(dd) tal-Kap.9 inghad:

**'L-artikolu 338(dd) tal-Kodiċi Kriminali jikkontempla r-reat komunement imsejjaħ 'breach of the peace'. L-elementi ta' dan ir-reat ġew eżaminati funditus f'diversi sentenzi u ġie ritenut li, bħala regola, ikun hemm din il-kontravenzjoni meta jkun hemm għemil volontarju li minnu nnifsu jew minħabba ċ-ċirkostanzi li fihom dak l-għamil iseħħ inissel imqar minimu ta' nkwiet jew tħassib f'moħħ persuna (li ma tkunx l-akkużat jew l-imputat) dwar l-inkolumita' ta' persuna jew dwar l-inkolumita' ta' proprjeta', kemm b'riżultat dirett ta' dak l-għamil jew minħabba l-possibilita' ta' reazzjoni għal dak l-għemil.**

**L-iskambju ta' kliem, anke jekk inġurjuż jew minaċċjuż fih innifsu u mingħajr ma jkun hemm xejn aktar x'jindika li dak l-argument jista' jiżviluppa fih, jew iwassal għal, xi ħaġa oħra u aktar serja (bħal ġlied bl-idejn jew ħsara fil-propjeta') ma jammontax għall-breach of the peace fis-sens tal-artikolu 338(dd) tal-Kodiċi Kriminali.[1]'**

Illi mill-atti jirrizulta illi l-imgieba ta'l-appellat kienet tikkonsisti f'daqqa ta' ponn *ut sic*. Ma hemmx allegazzjoni illi l-appellat beda ighajjat u jiggieled jew inkella uza xi kliem minaccjuz tant illi l-agir tieghu kien bhala reazzjoni ghal mod kif kien qed jigi itrattat minn Camilleri. Kwindi hija il-fehma ta' din il-Qorti li dan ir-reat ma jissussistiex.

[1]'Il-Pulizija versus Maria Concetta Green' (Volum LXXXIII Part IV paġina 441)

Illi meta tigi biex tqies il-piena li ghandha tigi inflitta fuq l-appellat il-Qorti sejra tiehu in konsiderazzjoni il-fatt illi l-ko-litigandi illum issorvolaw id-differenzi ta' bejniethom u qeghdin ighixu fil-paci ma' xulxin. Izda fuq kollox il-Qorti ma tistax tinjora dak mistqarr minn Jean Cali, rappresentant Caritas, fix-xhieda taghha meta stqarret illi l-appellat qieghed isegwi programm ta' rijabilitazzjoni mill-vizzju tad-droga u miexi fit-triq it-tajba tant illi ir-relazzjoni ma' Camilleri sejra tajjeb kif ukoll dik ma' ibnu minuri.

Ghaldaqtstant il-Qorti qieghda tilqa l-appell ta'l-Avukat Generali, tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha biss fejn hija iddikjarat il-procediment ezawriet fir-rigward tat-tieni akkuza, tirrevokaha ghal kumplament, u minflok wara li rat l-artikolu 214, 215, 216, 222(1)(c) u 227(c) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta issib lill-appellat hati ta'l-ewwel akkuza, liema reat madanakollu huwa skuzabbli ai termini ta'l-artikolu 227(c) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta minhabba provokazzjoni, u tilliberah mill-kumplament. Wara li rat l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta tillibera lill-appellat bil-kundizzjoni li ma jikkomettiex reat iehor fi zmien sena mil-lum.

Il-Qorti twissi lil hati bil-konsegwenzi skont il-ligi jekk huwa jikkometti reat iehor matul dan il-perijodu ta' liberta kondizzjonata.

(ft) Edwina Grima

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur